MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru. 10/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**STEFAN AXISA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stefan Axisa, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 402294M.

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer fid-dsatax (19) ta` Gunju, 2011, ghal habta tas-siegha u nofs ta` filghodu (01:30am) f'Xatt ta` San Gorg, San Giljan u / jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta` natura gravi fil-gisem ta` Matthias Sammut.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;
Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 218 (1) (a) (b), 218 (2), 230 (c), 338 (dd), 17, 31, 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta, mill-provi prodotti miz-zewg partijiet illi l-imputat irreagixxa b'mod ragonevoli ghall-azzjoni *da parte* tal-parte civile li, fis-sahna tal-mument flimkien ma` siehbu prezenti, ta` bidu ghal azzjoni li setghet tigi interpretata bhala perikoluza f'dak il-hin u mument. Ir-reazzjoni tal-imputat li, f'dak il-hin, kien qieghed wahdu, kienet wahda ragonevoli ghal dak illi huwa interpreta x'kienu x'ser jaghmlu l-midrub u siehbu. Vide Artikolu 230 (c).

Dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------